**XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA**

# Dun Karm Attard S.D.B.

## 2. Xogħol li wettaq

Dun Karm Attard tant ħadem fil-missjoni fl-Indja li diffiċli tiddeskriviha sewwa u għalhekk dan l-artiklu se jagħti ħarsa ħafifa ħafna lejn il-ħidma tiegħu.

Kien ottimista ħafna u mhux la kemm kien jaqta' qalbu. Kien mimli bi spirtu missjunarju u għalhekk ma kienx jiddejjaq li jżur il-villaġġi fost tant perikli li kien jiltaqa' magħhom. Periklu kbir kien mill-annimali selvaġġi iżda, mill-kitba tiegħu, naraw li kien donnu dara jgħix ma' dan l-iskomdu.

Dun Karm Attard adatta ħafna mal-kultura tal-pajjiż li kien jgħix fih. Lin-nies kien iħobbhom ħafna u ma kienx jaħseb biss li jxandar lil Kristu lin-nies li ma kinux jafu bih, imma anki kien jipprova jgħinhom materjalment. Kien jagħmel ħiltu kollha biex jakkwista donazzjonijiet ħalli jkun jista' jgħinhom.

B'dawn id-donazzjonijiet bena kliniċi, sptarijiet, kulleġġi, knejjes u kappelli żgħar. Fuq kollox irnexxielu jlaħħaq saċerdoti tal-post u ħarreġ ukoll lajċi bħala katekisti. B'hekk huwa kien missjunarju veru, billi mhux biss bena postijiet u għallem iżda rnexxielu jrawwem Knisja tal-post.

Minkejja li kien f'art fqira u għalhekk seta' jagħmel ħafna karitajiet, huwa qatt ma nesa li huwa saċerdot, li għandu l-missjoni li jxandar lil Kristu. Fl-editorjal tal-perjodiku "Leħen il-Missjunarju," li jittratta l-missjoni tiegħu ġewwa l-Indja, jikteb: "Jiena kont it-tabib u d-deffien f'dawk iż-żminijiet tal-bidu. Imma kont fuq kollox is-saċerdot ta' Kristu biex inxerred il-fidi nisranija fost dawk kollha li kelli taħt idejja. Ħafna u ħafna nies kienu jikkoperaw u jaċċettaw il-kelma ta' Alla u wara jitolbu l-magħmudija. Dawn kienu l-ewwel insara tiegħi mxerrda f'183 raħal. Forsi tistaqsuni kif kont inlaħħaq. F'art kbira 7 darbiet daqs Malta u Għawdex, kont nimxi lejl u nhar, ngħaddi 24 ġurnata kull xahar għaddej minn raħal għal ieħor" (Diċembru 1997).

Il-post li fih ħadem Dun Karm, jiġifieri fin-North East Indja, kien qalb il-muntanji, ix-xmajjar u l-foresti. In-nies jgħixu ħajja semplici u jemmnu li jeżisti spirtu kbir u tajjeb li jieħu ħsiebhom, u ieħor ħażin illi jfixkilhom. Id-djar tagħhom huma tal-qasab, tat-tafal u tat-tiben, filwaqt li jżommu dejjem in-nar jaqbad f'nofs il-għarix u jgħallu r-ross. Bosta min-nies jaħdmu xi biċċa raba'. Ikabbru r-ross, il-patata u l-qamħirrun. Ħafna ma jafux bi flus iżda jpartu bejniethom il-prodotti li jkabbru.

Jiddeskrivi l-esperjenza tiegħu f'dan l-ambjent meta jkun iżur l-irħula: "Bis-saħħa ta' hekk nista' ngawdi l-panorami meraviljużi tal-ħolqien li tassew iressquni lejn Alla bis-sebħ tagħhom. Imbagħad hemm l-irħula żgħar mitlufa bejn ambjent u ieħor, mnejn joħorġu gzuz ta' tfal u xi kbar ferħanin isellmuli. Dak il-ħin inkun nixtieq nagħmel il-mirakli biex fil-faqar tagħhom nipprovdilhom xi ħaġa, ħa nferraħhom ftit, imsieken" (Leħen il-Missjunarju, Ġunju-Settembru 1992, p. 23).



Dun Karm Attard fehem tajjeb li jkun qiegħed jagħmel ħafna ġid meta jagħti karità, iżda kien konxju wkoll li jġib il-ħajja tan-nies tal-lokal 'il quddiem billi jinkuraġġixxi t-tfal u ż-żgħażagħ jistudjaw. B'hekk il-vokazzjonijiet saċerdotali kienu jiżdiedu, filwaqt li anki dawk li qabdu triq oħra setgħu jagħmlu ġid b'mod ieħor. Jikteb: "Illum il-ġurnata, wara daqshekk snin ta' xogħol missjunarju, l-insara kattoliċi tagħna mhumiex biss it-tfal, imma għandna wkoll adulti u anzjani, li wħud minnhom laħqu pożizzjonijiet għolja fis-soċjetà, bħal kapijiet ta' skejjel u ta' kulleġġi universitarji ....B'hekk aħna nkomplu nħeġġu lin-nies ta' l-irħula sabiex min hu kapaċi fosthom jaqbad l-istudju u javanza 'l quddiem bħal ħaddieħor, ħalli mbagħad huwa stess itejjeb il-qagħda tar-raħal u tan-nies tiegħu" (Editorjal, Leħen il-Missjunarju, Diċembru 1991, p.3).

Din il-ħidma kollha li wettaq is-sależjan Dun Karm Attard ma setgħetx isseħħ mingħajr l-għajnuna ta' bosta benefatturi f'Malta u f'Għawdex u anki fost l-emigranti. Biex iżomm kuntatt magħhom kien assidwu ħafna fil-korrispondenza. Jirrispondi kull ittra li tasallu u jirringrazzja lil kull min jibgħatlu xi donazzjoni. Beda jippubblika hu stess fl-Indja perjodiku ta' erba' faċċati, bl-isem ta' "Leħen il-Missjunarju". Imbagħad fl-1965 is-Sur Victor Cilia beda jgħinu minn Malta u għalhekk il-perjodiku beda joħroġ kull erba' xhur.

F'dan il-perjodiku, dwar il-missjoni tiegħu fl-Indja, jagħtina stampa ċara tal-ħidma li kien iwettaq. Fih Dun Karm jidher bħala kittieb tajjeb li kapaċi b'mod ħafif iwassal tagħrif fuq il-missjoni. Kien ikun fih qari pjaċevoli, miktub minn bniedem li kien qiegħed jgħix il-vokazzjoni missjunarja tiegħu, kuntent ġewwa l-Indja, f'kultura differenti minn dik tagħna. Dan li għedna bl-ebda mod ma jfisser li ma ltaqax ma' problemi u diffikultajiet, fosthom li kien hemm żmien li xħin kien jippriedka kien ikun hemm xi persuna mibgħuta mill-gvern biex tara x'se jgħid.

**Angelo Xuereb**